MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 643/1999/1

**Godfrey Attard**

**vs**

**Anthony Falzon u b'degriet tal-25 ta' Gunju, 1999, giet kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Marzu, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) bhala danni sborsati mill-attur bhala

konsegwenza ta’ incident li gara z-Zejtun, fis-7 ta’ Ottubru, 1998, meta waqt li permezz tal-“crane-truck” numru CAG-429 il-konvenut kien qed jerfa’ arblu tad-dawl fil-kantuniera ta’ bejn triq l-Isqof Zahra u Triq Sant’Anglu, huwa laqat u kkaguna qtugh fil-linji tas-sistema tad-distribuzzjoni elettrika bil-konsegwenza li zviluppa voltagg eccessiv li ghamel hsara fil-beni ta’ l-attur, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;

Oltre l-imsemmija danni il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta’ l-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Ottubru, 1998, dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontrih fil-5 ta’ April, 1999, u l-imghax legali mill-5 ta’ April, 1999.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Falzon, prezentata fid-19 ta’ Mejju, 1999, fejn intqal illi huwa mhux responsabbli ghad-danni mitluba mill-attur billi huwa mexa fuq l-istruzzjonijiet ta’ l-ufficjali ta’ l-Enemalta;

Illi huwa wahhal arblu tad-dawl bhala kuntrattur ta’ l-Enemalta fil-post indikat lilu mill-ufficjali ta’ l-Enemalta;

Illi milli jidher wiehed mill-“wires” li kienu ghaddejjin mat-triq u li kellhom jehlu ma’ l-arblu in kwistjoni kien misluh in parti u mikxuf u ghalhekk ma kienx insulat u dan mess ma’ l-arblu u kkawza xort fl-elettriku u nqata’, b’perikolu ghall-esponenti li kien vicin ta’ l-arblu;

Illi fic-cirkostanzi l-Esponent jitlob il-kjamata in kawza ta’ l-Enemalta Corporation.

Ra d-degriet tal-25 ta’ Gunju, 1999, li bih giet kjamata in kawza il-Korporazzjoni Enemalta.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta prezentata fl-14 ta’ Settembru, 1999, fejn intqal illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-Korporazzjoni kjamata in kawza stante li l-istess Korporazzjoni bl-ebda mod ma hija responsabbli ghall-hsarat u ghad-danni sofferti mill-attur;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub in linea ta' danni huwa ferm ezagerat.

Ra illi t-Tribunal ordna li l-provi fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Abela vs Anthony Falzon" Avviz numru 641/99 jkunu japplikaw ghall-din il-kawza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Abela vs Anthony Falzon" Avviz numru 641/99, kif ukoll id-dokumenti kollha hemm esebiti u dawk esebiti f'din il-kawza.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet milhuqa fil-kawza fuq imsemmija.

Dwar id-danni li sofra l-attur Godfrey Attard it-Tribunal jaghmel referenza ghall-lista Dok.GA, u r-ricevuti relativi, mill-liema jirrizulta li l-attur sofra danni fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin lira Maltija disgha u tmenin centezmu (Lm224.89).

Il-Professur Agius kien thallas hamsa u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm25.30) minghand l-attur ghar-rapport tieghu, u dana skond l-ircevuta Dok.JA4, esebita fil-process fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Abela vs Anthony Falzon" Avviz numru 641/99. L-ispejjez ta' dan ir-rapport li sar "ex parte" mghandhomx ibaghtuh il-konvenut u l-kjamat in kawza.

Ghaldaqstant it-tribunal, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-konkluzjonijiet dwar il-punt ta' responsabilita` u eventwali danni, milhuqa fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Abela vs Anthony Falzon" Avviz numru 641/99, fejn gie deciz illi d-danni ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza, minhabba li dak li gara kien tort tat-tnejn, it-Tribunal, qed jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza ihallsu fi kwoti ugwali bejniethom is-somma ta' mitejn erbgha u ghoxrin lira Maltija disgha u tmenin centezmu (Lm224.89), u cioe` mija u tnax-il lira Malitja u ebrgha u erbghin centezmu u hames millezmi (Lm112.44,5) kull wiehed, lill-attur, bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru, 1998, u ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-5 ta' April, 1999, kif ukoll l-ispejjez tal-Perit Tekniku, ghandhom wkoll jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza."

Minn din id-decizjoni appellaw kemm il-konvenut kif ukoll l-imsejha fil-kawza. Dan bl-aggravju illi l-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal ma kienetx tirrispekkja l-provi ossija l-apprezzament dwarhom.

Il-meritu f'din l-istanza huwa l-istess ghal dik tal-kawza fl-ismijiet "Alexander Abela –vs- Anthony Falzon et" (Avviz 641/99). A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet ta' dritt fiha maghmula u ghal konkluzjoni hemm milhuqa.

Ghal dawn il-motivi z-zewg appelli interposti mill-konvenut u mill-kjamat in kawza rispettivament qed jigu respinti u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jbatuhom ugwalment l-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------